MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
GRETA MIFSUD**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2008

Talba Numru. 613/2007

**Awtorita Marittima ta' Malta**

**Vs**

**John Briffa**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-Awtorita' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' elf, mija u sitta u erbghin Euro u tmienja u sittin Euro cents (€1,146.68) - (Lm492.27c) rapprezentanti *berthing fees* dovuti mill-konvenut bhala hlas ghal facilitajiet ta' rmiggjar u servizzi ohra ancillari provduti fir-rigward tal-boat "Paulina".

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-Awtorita' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-Awtorita' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elf, mija u sitta u erbghin Euro u tmienja u sittin Euro cents (€1,146.68) - (Lm492.27c), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------